

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 359/2008**tat-18 ta' April 2008****dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti merkanziji fin-Nomenklatura Maqgħuda**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ⁽¹⁾, u partikolarment Artiklu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Maqgħuda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jkunu adottati miżuri li jirrigwardaw il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti riferiti fl-Anness ma' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 iddefinixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Maqgħuda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hi kompletament jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid magħha xi subdiviżjoni addizzjonali u li hi stabbilita permezz ta' dispożizzjonijiet Komunitarji speċifiċi, bil-ħsieb li jkunu applikati miżuri tat-tariffa u oħrajn relatati dwar mal-kummerċ fil-merkanzija.
- (3) Skond dawn ir-regoli ġenerali, il-merkanziji deskritti fil-kolonna 1 ta' l-iskeda ppreżentata fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fil-kodiċi NM indikata fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet ippreżentati fil-kolonna 3.

(4) Huwa xieraq li ssir kundizzjoni li informazzjoni fuq tariffa li torbot li nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' merkanzija fin-Nomenklatura Maqgħuda iżda li mhijiex skond dan ir-Regolament tista', għal perijodu ta' tlett xhur, tkompli tkun invokata mid-detentur, taħt Artiklu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jstabbilixxi l-Kodiċi tad-Dwana tal-Komunità ⁽²⁾.

(5) Il-miżuri previsti f'dan il-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artiklu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 ta' l-iskeda mniżżla fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fin-Nomenklatura Maqgħuda fil-kodiċi tan-NM indikata fil-kolonna 2 ta' dik l-iskeda.

Artiklu 2

Informazzjoni fuq tariffa li torbot maħruġa mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri, li mhijiex skond dan ir-Regolament, tista' tkompli tkun invokata għal perijodu ta' tlett xhur skond Artiklu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artiklu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' April 2008.

Għall-Kummissjoni

László KOVÁCS

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 275/2008 (ĠU L 85, 27.3.2008, p. 3).

⁽²⁾ ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament kif finalment emendat bir-Regolament tal-Parlament Ewropew (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

ANNEX

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Preparazzjoni ta' l-ikel fil-forma ta' prodotti taċ-ċereali mixwija.</p> <p>Il-ħbub tal-qamħ jissajru bil-fwar, jitneħħewlhom il-qxur, jitqattgħu u jitberrdu. Il-prodott imbagħad ikun magħfus fi strixxi rqaq, milwi f'forom ta' kannizzata u imqatta' f'forom ta' mħadda. Il-prodott imbagħad jinxtewa. Vitamini u xi kultant ġelu jkunu applikati lill-prodott aħħari.</p> <p>Il-preparazzjoni titqiegħed fis-suq bħala ikel għall-kolazzjoni magħmul miċ-ċereali.</p>	1904 10 90	<p>Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u l-kliem tal-kodiċi NM 1904, 1904 10 u 1904 10 90.</p> <p>Il-prodott huwa miksub bix-xiwi ta' prodotti taċ-ċereali. Skond in-Noti ta' Spjega SA, titlu 1904 jinkludi wkoll prodotti miksuba mid-dqiq jew min-nuħħala (NSSA, titlu 1904, (A), l-ewwel u t-tieni pargrafu).</p>